



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6921/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0026 (NLE)

ENV 144
ENT 47
ONU 25
CHIMIE 32

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta li l-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta li l-klorpirifos
jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma
dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Ottubru 2004, il-Komunità Ewropea approvat il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-“Konvenzjoni”) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE¹.
- (2) Bħala Parti għall-Konvenzjoni, l-Unjoni tista' tressaq proposti biex jiġu emendati l-Annessi tal-Konvenzjoni. L-Anness A għall-Konvenzjoni jelenka kimiċi ili għandhom jiġu eliminati.
- (3) Skont it-tagħrif xjentifiku u skont ir-rapporti ta' analiżi disponibbli, u fid-dawl tal-kriterji tal-iskrinjar stipulati fl-Anness D tal-Konvenzjoni, il-klorpirifos juri xi karatteristiċi ta' pollutant organiku persistenti.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

- (4) Il-klorpirifos mhuwiex approvat bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u għalhekk mhuwiex permess li jitqiegħed fis-suq jew li jintuża fl-Unjoni f'prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-klorpirifos lanqas ma huwa approvat bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u għalhekk mhuwiex permess li jitqiegħed fis-suq jew li jintuża fl-Unjoni f'prodotti bijoċidali. Barra minn hekk, il-klorpirifos mhuwiex irregiŕtrat għall-ebda użu ieħor f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u, konsegwentement, mhuwiex permess li jiġi mmanifatturat jew imqiegħed fis-suq fl-Unjoni għal tali użu ieħor fi kwantitajiet ta' tunnellata waħda jew aktar fis-sena għal kull manifattur jew importatur.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regiŕtrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

- (5) Għalkemm il-klorpirifos ġie eliminat gradwalment fl-Unjoni, jidher li għadu jintuża bħala pestiċida u jinfirx fl-ambjent barra mill-Unjoni. Minħabba l-potenzjal tal-klorpirifos għat-trasport fl-ambjent fuq distanzi twal, il-miżuri li ttieħdu fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni mhumiex biżżejjed biex jitħares il-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u ta' saħħet il-bniedem. Għaldaqstant, hija meħtieġa azzjoni internazzjonali fuq firxa aktar wiesgħa.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tressaq proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni biex il-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tressaq proposta biex il-klorpirifos (CAS Nru: 2921-88-2, KE Nru 220-864-4) jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes.

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tikkomunika l-proposta msemmija fl-ewwel subparagrafu lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni, bl-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Anness D tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
